MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2003

Numru 885/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Cordina)**

**vs**

**CARMEL FARRUGIA**

**Illum 21 ta' Novembru, 2003**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Carmel Farrugia ta' 48 sena , bin Clemente u Carmela nee' Caruana , imwieled Hal-Kirkop fit-12 ta' Ottubru 1955, residenti fl-indirizz: 47, Triq San Rokku , Kirkop. Detentur tal-karta ta' l-indentita numru 726955M gie akkuzat talli fis-26 ta' Settembru 2003 u fix-xhur f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti

maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda:

Minghajr licenza moghtija mill-Awtorita kompetenti, ghamel kummerc ta' istituzzjoni finanzjarja f'Malta jew minn Malta minghajr licenza mill-Awtorita kompetenti.

U aktar talli kiser jew naqas li jhares xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' l-Att XXII ta' 1994, jew xjentament kien parti fl-ghemil, jew ipprokura jew ghen jew hajjar l-ghemil ta' xi reat taht l-istess Att XXII ta' 1994 dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok JC2 skond is-Subartikolu (2) tal-Artikolu 23 ta' l-Att ta' l-1994 dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji Kapitolu 376, Ligijiet ta' Malta biex jittiehdu procedimenti Kriminali kontra l-imputat u il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok JC3 sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat ammetta l-akkuzi.

Il-Qorti spjegat bl-aktar mod solenni lill-imputat rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li l-Qorti regghet staqsiet lill-imputat jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati.

Innutat li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-Seduta ta' llum li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 3, 22(1)(a), 22(2) u 22(3) tal-Kap. 376 u l-artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Carmel Farrugia, fuq ammissjoni, hati ta’ l-akkuzi migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz , inkluzi l-fedina penali ta’ l-imputat , il-fatt li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat Carmel Farrugia ghall-piena komplessiva ta’ tmintax (18) il-xahar prigunerija u mitt Lira Maltin (Lm100) multa u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ tlett (3) snin millum l-imputat Carmel Farrugia jikkkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija

Inoltre il-Qorti a tenur tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna l-konfiska tad-Dok JC6.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Carmel Farrugia l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------